MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Numru 136/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**LINEKER DAVID MICALLEF**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **LINEKER DAVID MICALLEF** ta' sittax il-sena, bin Marco u Mavis nee Calleja, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' April 1987 u residenti 84, Triq Naxxar, B'Kara jew 77, Triq it-Torri, Mosta, detentur tal-karta tal-identita numru 0196887M kien gie mressaq quddiemha nhar d-dsatax ta’ Frar 2004, akkuzat talli nhar il-hmistax ta' Frar 2004 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu;

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 724 minn go Triq d-Dragonara, kantuniera ma Paceville Avenue, Paceville, San Giljan ghad-dannu ta' Charles Saliba minn

Tas Sliema, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli bejn il-hmistax ta' Frar 2004 w id-dsatax ta' Frar 2004 b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda f'diversi bnadi w hinijiet tal-Gzejjer Maltin, saq l-istess vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 724 minghajr ma kien awtorizzat b'licenzja tas-sewqan mahruga mid-direttur tat-traffiku;

3. Talli fl-istess data, lok, hin saq l-istess vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 724 minghajr ma kien kopert b'polza t'assikurazzjoni;

4. Talli fl-istess data, hin, lok saq l-istess vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 724 b'manjiera traskurata, perikoluza u negligenti;

5. Talli bejn il-hmistax ta' Frar 2004 w id-dsatax ta' Frar 2004 voluntarjament, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe partijiet minn vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni JAZ 724 ghad-dannu tal-istess sid Charles Saliba minn Tas Sliema liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin izda ma teccedix l-mitt lira maltin;

6. Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] b'sentenza moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2003 fejn kien instab hati ta' frodi u gie moghti sentenza ta' probation taht l-artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin.
Il-Qorti dakinhar kienet rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat dsatax ta' Frar 2004 esibit fl-atti bhala dokument CSH a fol 7 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar d-dsatax ta' Frar 2004 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta a fol 16 tal-atti odjerni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tad-dsatax ta' Frar 2004 [a fol 3] u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti kienet osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti kienet wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti kienet iddikjarat li kienet qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Kienet semghet wkoll lil imputat jiddikjara li kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat sofferti minn Carmelo Saliba.

Kienet rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH 1 a fol 5 tal-atti u l-istqarrija tal-imputat esibita bhala dokument CSH 3 a fol 8 tal-atti odjerni.

Kienet ikkunsidrat:

Illi nhar d-dsatax ta' Frar 2004 il-Qorti kienet innominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji *pre-sentencing inquiry report* fil-konfront tal-imputat u li nhar d-dsatax ta' Mejju 2004 kienet dehret s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta li ppresentat u halfet r-relazzjoni taghha fil-konfront tal-imputat li giet mmarkata bhala dokument JS.

Rat li minn ezami ta' din r-relazzjoni kien jirrizulta li fil-fehma tal-Ufficjal tal-Probation, l-imputat ghandu jinghata sentenza fil-komunita b'supervizjoni sabiex b'hekk jkollu l-opportunita li jaghraf jimxi fit-triq t-tajba.

Il-Qorti kienet qiset s-segwenti fatturi meta giet biex tapplika l-piena idoneja u dan bhala fatturi mitiganti ghal piena u cioe:

1. L-eta tenera tal-imputat meta huwa kkommetta r-reat in kwistjoni u cioe li huwa kellu biss sittax il-sena;
2. Il-ko-operazzjoni totali tieghu kemm waqt l-investigazzjoni, kif wkoll aktar tard, waqt is-smiegh tal-kawza;
3. L-ammissjoni bikrija fl-ewwel opportunita moghtija lilu l-Qorti u cioe mal-presentata;
4. Ir-res furtiva kienet giet ritornata lil sidha legittimu u li l-ammont ta' hsara kien *de minimis* stante li skond r-rapport tal-Ufficjal tal-Probation il-hsara kienet tammonta ghal bejn hamsin u mitt lira maltin, u li l-imputat kien iddikjara li kien lest li jaghmel tajjeb ghal tali hsara;
5. Illi s-socjeta in generali ma kienet sofriet ebda danni materjali salv dawk maghmula ghad-dannu ta' Charles Saliba fl-ammont massimu ta' mitt lira maltin.

Il-Qorti kienet wkoll rat li skond l-artikolu 37 tal-Kap 9, il-Qorti **kellha tinzel** bi grad jew tnejn fl-ghoti tal-piena stante li l-imputat ma kienx ghadu ghalaq t-tmintax il-sena fil-mument tal-kommissjoni tar-reat.
Dan nonostante pero, il-Qorti kienet qiset li ma setghetx ma tirrimarkax li l-imputat, ghalkemm ma kienx akkuzat li hu recidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 9, kien recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 u ghalhekk ma hassitx li kellha tapplika l-piena fil-minimu taghha, molto piu meta qiset li l-imputat kien kiser il-kundizzjoni mposta fuqu fl-ordni tal-probation moghti nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2003.

Il-Qorti, f'dawk ic-cirkostanzi, kienet hasset li kellha taghti sentenza sospiza b'ordni ta' supervizjoni u dan bil-ghan li tipprotegi lis-socjeta mill-hsara kagjonata mill-imputat u sabiex timpedih milli jaghmel reat iehor.

Ghar-rigward il-piena l-Qorti, kienet rat wkoll l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261, 267, 270, 271(g), 279(a) u 325(c) tal-Kap 9, l-artikolu 15(1) tal-Kap 65, l-artikolu 3

tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta w iddecidiet billi ddikjarat li kienet qed ssib lil imputat LINEKER DAVID MICALLEF hati tal-akkuzi kif addebitati kontra tieghu, u dwar l-ewwel hames akkuzi kienet ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' sitt xhur pero ordnat li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li din l-piena ta' prigunerija ma kellhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erbgha snin, l-hati LINEKER DAVID MICALLEF jikkommetti xi reat iehor li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kap 9, il-Qorti poggietu taht s-supervizzjoni tal-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon bhala Ufficjal Sorveljanti ghaz-zmien kollu ta’ dak l-perjodu operattiv ta' dik is-sentenza.

Il-Qorti kienet wkoll spjegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu opeattiv, kif wkoll l-effetti ta' din l-ordni ta' supervizjoni.

Kienet wkoll ordnat, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-imputat kellu jhallas is-somma ta' mitt lira maltin fi zmien sitt xhur minn dakinhar lil Charles Saliba u dan bhala kumpens ghall-hsarat minnu sofferti.

Dwar l-akkuza li l-imputat kien kiser l-ordni tal-probation moghti lilu nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2003 b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, liema probation nghatat ghal perjodu ta' tlett snin, il-Qorti kienet, bl-applikazzjoni tal-artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta, ikkundannatu ghal amenda ta' mitt lira maltin addizzjonali mal-mitt lira kumpens imsemmi aktar 'l fuq.

Rat ukoll s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Imhallef Joseph G. Galea Debono nhar t-tlettax ta’ Settembru 2007 fl-ismijiet pemessi (fol 54) fejn ordnat li din il-Qorti terga tappunta dan il-kaz ghas-smiegh sabiex tittratta l-kwistjoni dwar il-ksur ta’ sentenza sospiza w ghalhekk il-Qorti appuntat ghas-smiegh din il-kawza ghas-sebgha ta’ Novembru 2007 ghal liema seduta l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur baghat jitlob differiment

stante li ma kienx lahaq jinnotifika lix-xhieda tieghu f'dan il-kaz.

**Illi fis-seduta tat-tmintax ta' Dicembru 2007, dehret l-Probation Officer Marietta Lanzon** fejn xehdet (fol 69) li fil-prezent hi kienet qed issegwi lil imputat li kien qed jiskonta sentenza ta' hames snin prigunerija u li kienet ilha ssegwih sa mis-sena 2004. Qalet li l-imputat ghamel perjodu sejjer tajjeb izda wara u cioe fis-sena 2006, rega' beda jizgarra. Kompliet tghid li f'Jannar 2007, l-imputat dahal fi program residenzjali izda wara ftit zmien, iddecida li jitlaq minn dan il-programm. Qalet li waqt li kien il-habs, hija ordnat li jittehdulu xi testijiet tal-awrina sabiex jigi stabbilit jekk kienx qed jabbuza mid-droga pero dawn taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga. Spjegat li huwa kien qed jahdem fi kcina.

**Illi jirrizulta li din il-Qorti kienet ikkundannat lil imputat ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2004 bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operativ taghha li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija.**

**Rat li fit-tlettax ta' Settembru 2007 il-Qorti tal-Appell Kriminali, b'sentenza moghtija fl-istess ismijiet premessi, kienet ikkundannat lil imputat ghal perjodu ta' prigunerija ta' hames snin ghal diversi reati ta' serq li hu kien ghamel fis-snin 2006 u 2007.**

**Illi ghalhekk jirrizulta li din il-Qorti ghandha tiskatta s-sentenza sospiza moghtija minnha nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2004 u tordna li l-perjodu ta' sitt xhur prigunerija hemm imsemmija jigu rezi applikabbli minnufih.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------